IR-RABA' KTIEB
TAL-ĦDAX-IL-SENA

DIĊEMBRU
1935

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

Sir Temi Zammit KT., C.M.G., M.D., D.LITT., (OXON.) (F. S. CARUANA)—Tifkira ta' Sir Temi Zammit (DUN KARM)—Zammit bniedem tax-Xjenza (G. GALEA)—*Kitba ta' Sir Temi Zammit*: Mnejn tiġi x-xita; Il-Mewġ; Il-Ħmira; L-Assedju l-Kbir 1565; Id-Dnub ma jorqodx; San Ġiljan; Il-Bieraħ u l-Lum; Ix-Xiħ u l-Mewt; Nies bla Sabar— Werrej tal-ħdax-il-sena.

# I L - M A L T I

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1935

## Sir TEMI ZAMMIT Kt.,C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon.)

Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti tibki telfa kbira: it-tieni telfa li sofriet fil-ħmistax-il sena ta' ħajjetha.

Tmien sena ilu, il-Għaqda tagħna tilfet l-ewwel President tagħha, il-Kavalier Ġużê Muscat Azzopardi. Il-lum il-Għaqda sofriet it-tieni telfa bil-mewt ta' SirTemi Zammit Kt., C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon) Direttur tal-Mużew.

Żewġ kittieba li ħadmu għall-Għaqda, li ħadmu għar-rfigħ ta' l-ilsien għażiż tagħna.

Jekk il-Malti, il-lum, rasu merfugħa għax ħa ħafna minn dak li ħaqqu, min jista' jiċħed li l-ħidma ta' dawn iż-żewġ qalbiena li ħallewna—mal-ħidma ta' oħrajn li għadhom magħna—ma kellux sehem u sehem kbir f'din ir-rebħa?

It-tnejn ħallewna, iżda t-tnejn ħallew warajhom xi jfakkarna fihom.

Muscat Azzopardi kiteb u kiteb mill-aħjar: il-poeżijiet tiegħu, ir-romanzi tiegħu, il-kitba tajba tiegħu fil-ġurnali kienu l-bidu ta' żmien ġdid għall-ilsien Malti; huma taw l-ewwel xejra għal-letteratura maltija moderna. Ħadem imbagħad biex tingħaqad u timxi 'l quddiem il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li tħabtet u tħabtet għall-Malti—u, għad illi l-Għaqda kienet għadha fil-bidu tagħha, Muscat Azzopardi laħaqha u fiha laħaq ra r-rebħ li kien għad irid ikollha.

Temi Zammit ħadem għal Malta, Temi Zammit ħadem għall-Malti; ħadem għal Malta billi xerred isimha u qebeż għalih mad-dinja kollha; ħadem għall-Malti bil-kitba tiegħu ħelwa, sħiħa, qawwija, li tolqot; Temi Zammit ħadem għall-Malti bil-pinna u bil-kelma... u l-Malti rebaħ.

U din ir-rebħa Sir Temi laħaqha u miet jithenna biha.

* * *

Temistokle twieled fl-1864 minn Spiridione Zammit u Filomena Bologna. Għamel l-istudji tiegħu fil-Liceo u fl-Università ta' Malta fejn fl-1889 ħa l-awrja ta' Tabib.

Żagħżugħ ħaddiem, fl-1890 ġie maħtur Analist tal-Gvern fid-Dipartiment tas-Saħħa—u fl-1897 eżaminatur tax-Xienza Fisika fl-Università. Fl-1903 sar Kuratur tal-Mużew. Fl-1905 laħaq Professur tal-Kimika u fl-1920 Rettur ta' l-Università. Fl-aħħar Direttur tal-Mużew fejn, mill-1924, baqa' sa kemm miet.

Fl-1898 iżżewweġ lil Aloisia Barbaro dei Marchesi di San Giorgio, armla tas-sur E. Laferla. Kellu żewġ ulied Charles u Sofija. Fl-1911 ġie maħtur C.M.G. Fl-1920 mogħti l-"Mary Kingsley Medal" u, fl-istess sena, id-Degree ta' D.Litt (Honoris Causa) Oxford. Fl-1930 kellu mir-Re t-titolu ta' Sir.

Miet fil-għomor ta' 71 sena, is Sibt 2 Novembru, 1935, fil-Villa Oxonia Ta' Xbiex.

* * *

Minn dan li rajna, il-ħidma ta' Sir Temi, tista' tinqasam fi tliet ishma ewlenija: bħala Tabib għas-saħħa u għall-ġieħ ta' Malta; bħala Arkijologu għall-isem u għall-istorja ta' Malta; bħala lingwist bil-ħidma tiegħu u bil-kitba tiegħu għall-ilsien Malti.

Biex ingħidu kemm ħadem Sir Temi f'dawn it-tliet fergħat, li fihom l-iżjed li wera sa fejn twassal ir-rieda sħiħa li kellu li jagħmel il-ġid, irridu nimlew ktieb sħiħ.

Bħala Tabib huwa ħadem mhux biss għas-saħħa tan-nies iżda wkoll għall-ġieħ ta' l-isem għażiż ta' Malta. Id-Deni Rqiq mill-barrani kien jissejjeħ ħażin id-"Deni ta' Malta": min jaf kemm ħadem biex irnexxielu jfiehem lix-xjenzjati u lill-kittieba ta' barra li dan id-deni ma kienx tal-mogħża ta' Malta biss—u dan barra mill-ħidma tiegħu biex jinqered dan il-mard ikreh, li għalih baqa' jaħdem sa kemm miet. Għalhekk fl 1904 in-sibuh Membru tal-"Mediterranean Fever Commission," li fih huwa kien jirrappreżenta l-Gvern, fl-1908 membru tal-"Commission to suppress Malta fever" u fl-1909 delegat tal-Gvern ta' Malta fil-Kongress Mediku ta' Milan.

Fost il-ħidma tiegħu fuq dan, sa mill-1902, insibu konferenza tiegħu stampata, "Mediterranean Fever from a Sanitary Point of View." Fl-1908 għandna stampat ktejjeb "Report on the Goats ill with Mediterranean Fever." Għandna wkoll "La reazione agglutinante nelle Capre dal punto di vista dell'igiene," mogħtija fid-Dsatax-il-Kongress ta' Mediċina Internazzjonali f'Milan, u ħafna kitba u ħidma oħra li ma nistgħux insemmu hawn biex ma ntawlux iż-żejjed, iżda ma rridux ninsew insemmu l-ħidma u l-kitba tiegħu fuq il-ħażna ta' l-ilma f'Malta li fuqha kien jaf xi jgħid bil-bosta.

Sir Temi, Arkijologu. Il-1901, ir-Re tagħna Ġorġ V, li kien għadu Duka ta' Kornwall u York huwa u jżur l-Imperu Ingliż, għadda wkoll Malta. Għal din iż-żjara, fil-Palazz ta' Xara, quddiem San Ġwann, saret wirja mix-xirka ta' l-Arti, Xogħlijiet u Kummerċ biex juru lill-Werriet tat-Tron xi affarijiet qodma u ġodda ta' Malta li kien fihom x'tara. Wara din il-wirja, li

kienet irnexxiet ħafna, ġie f'ras il-Gvernatur Grenfell "li jsir Mużew tal-Gvern li fih jinġabru kulma "jixraq wieħed iżomm għall-ġieħ tal-pajjiż u għall-fdal "tal-ġrajja kollha ta' dawk il-ġnus li għaddew minn "fuq il-Gżira." Kuratur ta' dan il-Mużew ġie maħtur t-tabib Temi Zammit li kien is-Segretarju tal-Wirja fuq imsemmija. Kemm ħadem għal dan il-Mużew sa kemm rah hekk kbir u ta' ġieħ għal Malta, kif inhu l-lum, jafu kulħadd—fih u għalih baqa' jaħdem sa l-aħħar ta' ħajtu.

Barra dan Sir Temi kixef u fisser ħafna Monumenti ta' żmien il-qedem. Kemm nafu għerf mill-istudju tiegħu fuq it-Tempji ta' Hal Saflieni, Hal-Tarxien, Haġar Qim, Imnajdra, kemm għandna tifkirijiet u tagħlimijiet tiegħu fuq il-Katakombi ta' San Pawl, fuq il-Villa Rumana u fuq tant monumenti oħra. Il-kitba tiegħu sew ta' kotba kemm ukoll ta' rapporti u ta' artikoli fl-aqwa rivisti ta' barra fuq dawn il-monumenti tawh isem kbir fost il-għorrief tad-dinja, u "Zammit of Malta", kif kien magħruf fost ix-xjenzjati, ma kienx biss miżmum minnhom bħala arkijologu iżda bħala awtorità f'din il-ħaġa.

Barra mill-kitba fuq dawn il-Monument bħall-"Hal Saflieni Prehistoric Hypogeum", "Hal Tarxien Neolithic Temples", "The Neolithic Temples of Haġar Qim and Mnajdra", "The St. Paul's Catacombs and Rock-cut tombs in Malta" ħareġ bl-Ingliż "Valletta, an Historical Sketch"(żewġ edizzjonijiet); "Guide to the Valletta Museum"; żewġ edizzjonijiet ta' l-Istorja ta' Malta u bosta kotba oħra.

Fadal l-aħħar, imma mhux l-inqas, ħidma ta' Sir Temi għall-ġieħ u għall-isem ta' Malta: il-kitba tiegħu bil-Malti u l-ħidma tiegħu għall-ilsien Malti.

Mhux il-bieraħ Sir Temi beda jikteb bil-Malti. Hamsa u tletin sena ilu, tana f'idejna ktieb ta' *tagħlim fuq id-dinja,* stampat bl-ordni tal-Gvernatur; ktieb tassew imsemmi tajjeb għax fih ħafna u ħafna tagħlim

meħtieġ li min jaf kemm hawn nies li xejn ma jafuh. Minn din l-ewwel kitba tiegħu bil-Malti, it-tabib Zammit wera l-pinna ħafifa biex ifisser u jġiegħlek tifhem l-iżjed ħwejjeġ tqal. Huwa magħmul f'taħdita bejn tifel ta'l-iskola u zijuh tabib, fejn dan, bis-sabar kollu, ħaġa wara l-oħra, ifisserlu l-għaġeb kbir tal-ħolqien, igħidlu kif inhi l-art li ngħixu fuqha, bis-siġar, xmajjar, muntanji u widien, igħidlu fuq is-sema bil-kwiekeb tiegħu, l-ilma li dejjem tiela' fwar u nieżel xita, igħidlu fuq irjieħ, trombi, dagħbien....

Warajh, ktejjeb żgħir *fuq il-ħobż*. Il-ħobż li nieklu kuljum, ħadd jew ftit nafu fuqu. Fih imniżżel fuq ix-xorta ta' qamħ, kif isir dqieq, fuq il-ħmira, xinhi, kif issir u kif togħla, u x-xorta kollha tal-ħobż li jinħema. Tagħlim ħafif u li jista' jifhmu kulħadd.

Fl-1925 ħareġ l-ewwel edizzjoni ta' l-Istorja ta' Malta bil-Malti taħt l-isem ta' *Il-Gżejjer ta' Malta u l-ġrajja tagħhom.* Din il-ħabta kienet għadha kif ġiet imwaqqfa l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li tagħha huwa kien President Onorarju u għalhekk huwa ried li din l-istorja tiġi stampata bl-ortografija tal-Għaqda u, minn dak iż-żmien, huwa qatt ma kiteb kelma bil-Malti, biex ingħid hekk, jekk mhux bl-ortografija tal-Għaqda. Din l-istorja, miktuba bi stil ħafif mill-id imgħallma tat-tabib Temi Zammit u fiha miġbur fil-qosor kulma nafu li jinħtieġ inkunu nafu fuq il-Gżejjer tagħna, ingħoġbot ħafna u, dan l-aħħar, fl-1934, kellu jarġa' joħroġ it-tieni edizzjoni tagħha,

Fi ktejjeb żgħir ieħor, stampat fl-1930, huwa ġabar kulma kien jaf *fuq tas-Sliema u San Ġiljan*,—l-iżjed tas-Sliema dik il-biċċa art maħruġa fil-baħar li fi ftit snin kibret, tgħammret u saret belt sabiħa. Fih ried juri, fuq fuq, kif kibret belt li nħolqot il-bieraħ biex, kif qal hu, "meta dawk li f'għomorhom raw lil tas-Siema tikber

"ikunu marru, iż-żgħażagħ tal-lum ikunu jafu dak li sar
"qabilhom."

X'kiteb iżjed bil-Malti Sir Temi Zammit?

Mindu bdiet toħroġ ir-rivista tagħna l-MALTI, tista' tgħid, ma ħariġx għadd wieħed mingħajr xi artikolu ta' "T.Z.". Mill-ewwel wieħed fuq "l-ilma li nixorbu" (Marzu 1925) sa l-aħħar wieħed fuq "in-Naħal" (Ġunju 1935) l-artikoli tiegħu dejjem taw pjaċir kbir lill-qarrejja u żgur li kienu jkunu l-ewwel artikoli li jinqraw fost l-artikoli sbieħ li kull darba jkun fih il-MALTI

Għal l-ewwel, l-artikoli tiegħu kienu biss fuq Arkijoloġija, storja naturali, storja ta' Malta, għodod u drawwiet qodma ta' Malta, miktuba bi *stil* ħelu, li jiġbdek u li jħajrek taqrahom għallavolja soġġetti tqal u ibsin. Imbagħed Sir Temi tħajjar u (ngħiduha mill-ewwel) irnexxa kemm jista' jkun, f'xejra oħra ta' kitba: kitba ta' novelli jew ġrajjiet qosra li fihom kellu l-ħila jpinġi xeni, ifassal nies u jfakkar żmenijiet li jibqgħu jissemmew. Xogħol iebes u li jaqta' l-qalb u li mhux kulħadd jista' jidħol għalih; tant hu hekk li l-istess Temi Zammit, kittieb ġa magħruf, donnu għal l-ewwel beża' minnu għaliex naraw li fl-ewwel żewġ novelli tiegħu li dehru fil-*Malti* ta' Settembru 1926 flok ma niżżel taħthom bħas-soltu l-inizjali tiegħu "T.Z." qiegħed in-*nom de plume* D.G.S. Ħaseb li ma kinux sejrin jirnexxu!? Imma ma kienx hekk. Kull min qara dik il-kitba ta' D.G.S. għoxa warajha. Xi wħud marru għandu jsaqsuh jekk jafx min huwa dan D.G.S. (kif qalilna huwa stess dik il-ħabta) u meta saru jafu, ħajruh, anzi talbuh, jissokta jikteb oħrajn bħalhom.

U hekk għamel :—

Daqqtejn ta' pinna u jpinġilek lil Franswà għadu ġej mill-Arġiel b'imħadda xagħar ħiereġ minn taħt kappell tar-ross, jitbaqaq għall-parrukkier li fil-lanja tas-sħana u tal-kliem fieragħ qarwiżlu ġmiel ta' qargħa

bħal ma kien qarweż, għal għaxar snin sħaħ, lill-imsejkna nies ta' Kordin ;

Daqqa ta' pinna oħra u jsawwarlek lis-sur Anġ, skrivan ix-xatt mal-*Kyrie*, li mar ifittex il-kwiet Ħal Lija u sab.. .il-bejjiegħa kollha jgħajtu wara biebu ;

Fuq il-blat tax-Xemxija jlaqqa' lil Rożina ma' sajjied tal-plajja, l-imsejkna tiżloq, huwa jerfagħha u hija ttih xelin x'jixrob (*nefqa żgħira*), imma dak ix-xelin jiġi lura mdawwar bil-ġawhar, b'sinsiela tad-deheb irqiqa ħierġa minnu... u jġib miegħu l-għarus, lil Pawlu bin il-Baruni tal-Wardija (*fejda kbira* !);

Jew inkella jħarriflek fuq il-moħba li l-ħani ta' Ġanni ta' Feliċ qal li ħollmu biha l-ħares ;—igħidlek kif Fra Ċelest daħak b'dak il-ħalliel ta' Ġużè l-Għaxqi ; —iġiblek lil Ċensa tistagħġeb biċ-ċine ;—lil Lukarda teħodha ma' taċ-ċensiment għax ma tridx tgħidu kemm-il-sena għandha ;—lil Pupul fil-fiera jirbaħ kaxxa tad-daqq.......u jdoqqha bil-maqlub;

Lil Pina, it-tip tal-qaddejja, li ma kinetx iżżomm qoffa biex ma tħassebx ħażin imma ġġib but kbir quddiemha għalli jista' jinqala', jurihielek, b'erba' daqqiet ta' pinna, taħdem bil-għaqal biex taqla' xi sold, bla ebda ħażen.......dik il-qaddejja, ħassiela, nofs qabla, ħuttaba ;

Daqqa ta' pinna oħra u jnissel ġrajja bejn żewġ sidien tal-mogħoż u hemm iniżżel waħda waħda ismijiet u għajdut li aħna xejn ma nafu iżda li dawn in-nies kuljum bihom f'ħalqhom ;—b'riħet Mastru Ġakbu, jfakkar id-drawwa ta' l-iskrapan, l-irkaptijiet u l-għodod tas-sengħa, u l-ġibda bejn l-imgħallem u l-lavranti: ħwejjeġ li l-lum għoddhom intsew għal kollox.

Il-kelma maltija f'ħalqu kienet dejjem lesta ; hu kien jaf lil kulħadd, jitkellem ma' kull xorta ta' nies, nies ta' rħula mbiegħda u qrib, nies ta' l-ibliet qodma u ġodda ; jaf kulħadd kif jaħseb, kif jitkellem, fejn

qalbu tiġbdu l-iżjed u għalhekk irnexxielu jgħaqqed dawn il-ġrajja ħelwin u għalliema.

U hu kien ferħan bihom. Lili ma kienx jista' jarani darba li ma jwaqqax il-kliem fuqhom ; dan l-aħħar kien ġenninni ; "niġbruhom, nistampawhom, noħorġuhom." Ilħaqna ħriġna minnhom l-ewwel ktieb, u konna għoddna wasalna għat-tieni meta rtira d-dar marid.

"Kemm nixtieq narahom miġbura kollha," qalli inqas minn tmint ijiem qabel ma miet, meta bagħat għalija biex ikellimni fuq hekk, "imma donni ma rridx nitlaqhom minn idejja : inħosshom biċċa waħda minni."

U issa Sir Temi, qalb maltija, ruħ nisranija, ma għadux iżjed magħna, iżda warajh ħallielna bosta u bosta ħwejjeġ li kull Malti li jħobb il-ġieħ u l-istorja ta' pajjiżu jsib fihom xi jfakkru fih. Ħalla wrajh min jiftakar fih lil niesu, lil ħbiebu u lil kull min, imqar ftit, sar jafu. Aħna tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* żgur li ma ninsewhx : hu ħabb il-Malti, ħadem għall-Malti, forsi iżjed milli nafu!

Issa Sir Temi ma għadux iżjed magħna iżda għadu u jibqa' quddiem għajnejna.

Jiena għadni narah, kif rajtu l-aħħar darba, għad li marid u muġugħ, għajnejh ħajja, iħarsu f'għajnejja. Għadni narah, għad li batut u għajjen, wieqaf fuq tiegħu, idejh wara dahru, jifraħ bija, ikellimni, isaqsini fuqi..... iwassalni sal-bieb ta' daru, jagħfasli idejha u jagħtini l-aħħar tislima...

Sir Temi miet, iżda Sir Temi jibqa' f'qalbna; ismu jibqa' fuq xuftejna, u t-tifkira tiegħu tibqa' thennilna qalbna.

F. S. Caruana.

11-12-35.



**Sir TEMI ZAMMIT**

**Kt., C.M.G., M.D., D.Litt. (Oxon)**

1864—1935

PRESIDENT ONORARJU

TAL-*GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

# TIFKIRA TA'

## SIR THEMI ZAMMIT KT. C.M.G., M.D., D.LITT. (OXON)

I.

WARA ĦAJJA SABIĦA
TA' WIEĦED U SEBGĦIN SENA
MGĦODDIJA SA L-AĦĦAR SIEGĦA
F'XOGĦOL FEJJIEDI
BLA SOGĦBA U BLA BIŻA'
NIŻEL FIR-RAQDA TAL-MEWT
SIR THEM. ZAMMIT Kt. C.M.G., M.D., D.Litt. (OXON)
NHAR IS-SIBT
2 TA' NOVEMBRU, 1935.

II.

NISRANI BLA ĦABI
MA KISER QATT IL-WEGĦDIET
TAL-MAGĦMUDIJA
ANQAS MA TBIEGĦED QATT
MIT-TAGĦLIM TAR-RUĦ
LI GĦALLMITU OMMU
SA L-AĦĦAR NIFS GĦAŻIŻA

III.

MALTI F'QALBU U FI ĦSIEBU
XTAQ IL-ĠID
TAL-PAJŻANI KOLLHA
ŻGĦAR U KBAR TAL-LUM U TA' GĦADA
U ĦADEM BIL-GĦAQAL U BIS-SABAR
BIEX DIK IX-XEWQA
ISSEĦĦ U TITWETTAQ.

IV.

TABIB QALBIENI U GĦARRIEXI
FITTEX U SAB MA' ĦADDIEĦOR
IL-GĦERUQ TA' MARDA QALILA
LI BLA ĦAQQ U BLA XERQA
KIENET IL-GĦAJB TA' PAJJIŻU
U WERA KIF ID-DINJA
TISTA' TAĦRAB MILL-MARDA
U L-ISEM TA' MALTA
JISSAFFA.

V.

MGĦAXXAQ BIL-ĠRAJJA TA' PAJJIZU
KITEB L-ISTORJA TAGĦHOM
GĦALL-PAJŻANI TIEGĦU
BIEX MINNHOM JITGĦALLMU
L-EMNA IL-QALB U L-ĦILA
TA' MISSERIJIETHOM
GĦALL-ĠNUS BARRANIN
BIEX HUMA JIFHMU L-JEDD
LI GĦANDHA DIN IL-GZIRA
GĦALL-QIMA U GĦALL-ĠIEĦ
TA' L-EWROPA
U TAD-DINJA.

VI.

ĦADD IŻJED MINNU
MA SAB U FELA TIFKIRIET
TAL-ĦAJJA EWLENIJA
ĦSIEB EMNA XOGĦOL U SNAJJA'
TA' ĠENS IL-BNIEDEM.
MINQUXA FIL-BLAT
MIGBURA FL-EGĦRIEN
MAĦZUŻA FIL-FUĦĦAR
QARA STORJA
LI QATT FIŻ-ZMIEN MA NKITBET
U LI FTIT MILL-GĦORRIEF
KIENU JOBSRU BIHA.

VII.

MILL-FOMM TAL-PAJZANI
IMXERRDIN MAL-WILEĠ MAL-WIDIEN
U MAL-GĦOLIET XEMXIJA
ĠABAR IL-KELMA TA' LSIENNA
ĦAJJA FRISKA ĦAFIFA TAS-SAĦĦA
U SAWWAR BIHA
XBIHAT TA' ĦAJJET ĠENSNA
TA' TOGĦMA BNINA
LI QATT MA DDUB ĦLEWWITHA
U FIL-BINI
TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
SAFA QOFOL MILL-ISĦAĦ.

VIII.

B'DEHEN SABIĦ
GĦAQAL KBIR U ĦEĠĠA TAL-GĦAĠEB
ĠABAR F'DAR WAĦDA
KULL MA JFAKKARNA FL-IMGĦODDI
TA' ART TWELIDNA
U WAQQAF HEKK GĦAL MALTA
XHIEDA BLA TMERIJA
LI HI BISS IS-SULTANA TAL-QEDEM
U GĦALIH MONUMENT
LI QATT XITA RIĦ U ŻMIEN
MA JISTGĦU JĠARRFU.

IX.

RAĠEL TA' FEHMIET TAJBA
ŻAMM QUDDIEM GĦAJNEJH
IT-TWISSIJA
LI ĦAFFIEF IL-GĦERF TAL-MOĦĦ
MINGĦAJR IT-TJIEBA TAL-QALB
U FITTEX DEJJEM
LI JGĦAQQAD FLIMKIEN
DAWN IŻ-ŻEWĠ ĦWEJJEĠ
FI ĦSIEBU FI KLIEMU F'GĦEMILU.

**Dun Karm.**

# ZAMMIT
# BNIEDEM TAX-XJENZA

Sir Temi Zammit kien wieħed mill-aqwa wlied ta' l-*Alma Mater* tagħna; b'għerfu u b'ħiltu daħal fix-xirka ta' Grima, Demarco u Barth, tobba kbar li isimhom ingħaraf mad-dinja, u sebaqhom ilkoll.

Hu kien bniedem maħluq għax-xjenza, li fiha għadda tant il quddiem, u li tagħha wera dawl ġdid. Raġel dħuli, għaqli, ta' dehen kbir, u ta' sabar, kellu xeħta kbira biex igħarbel l-irqaqat tax-xjenza, inaqqi minnha dak li ma jiswiex, u jiġbor dak li hu ta' ġid għall-ħajja tal-bniedem; hu kellu dehen qawwi u safi, u bon-sens ċar u mexxej.

Il-ħidma ta' Zammit fix-xjenza ssemmiet, imxiet il quddiem u aktar għad tingħaraf, għax hi ħidma ta' siwi bla tarf għall-ħajja u għas-saħħa tal-bniedem.

Kien għadu student, wara li ħa l-*Warant* ta' Spiżjar fl-1887 meta mpjegawh l-Isptar tal-Furjana, u minn hemm, tarġa wara l-oħra, baqa' tiela' sakemm wasal fl-ogħla postijiet mal-Gvern : sar Kimiku analitiku fid-Dipartiment tas-Saħħa, u mbagħad laħaq Eżaminatur, Professur u Rettur ta' l-Università, ukoll Membru tal-Kunsill tal-Gvern, Kuratur u Direttur tal-Mużew.

Zammit ħa l-Lawrja ta' Tabib fl-Università tagħna fl-1889, imma wara ma waqafx minn l-istudju; hu baqa' jħabrek, u siefer biex mar ikompli jitgħallem Pariġi u Londra, fejn sar ħabib ta' bosta għorrief, li baqgħu jiktbulu sa l-aħħar. Meta raġa' lejn Malta, Sir Temi nxteħet għall-istudju tal-marda tad-"Deni Rqiq", u mbagħad daħħluh fil-Kummissjoni li r-*Royal Society* fl-1904 ħatret biex tistħarreġ fuq dak id-deni, li kien qiegħed jeqred wisq nies fost is-suldati Ingliżi u fost il-pajżani, u li ħadd ma kien għadu sablu tarfu.

Zammit, kif kien imdorri jagħmel f'kollox, inxteħet b'ħeġġa kbira għal dak ix-xogħol. Hu tkellem, staqsa, fettex, ftaqad u ra morda, studja l-marda, għarbel kollox b'reqqa kbira, u wara ħidma ta' sena, fl-14 ta' Ġunju 1905, kixef ħaġa li ssemmiet mad-dinja kollha, li għamlitu kbir, u li swiet bla tarf għas-saħħa tal-bniedem : Kixef li l-ħalib tal-mogħoż imniġġsin bil-mikrobu tad-Deni Rqiq (*Micrococcus Melitensis*)

jista' jagħti lill-bniedem dik il-marda tad-*Deni Mediterran* kif wkoll kienet magħrufa dak iż-żmien.

Malli Zammit sab hekk, inkixef kif wieħed jista' jilqa' dik il-marda, billi jgħalli l-ħalib; u b'hekk min jaf kemm eluf ta' nies ħelsu minn dik il-kiefra marda li tinsab imxerrda mad-dinja kollha.

Bħalma dejjem ġara, għall-ewwel il-għorrief ma qagħdux fuq dak li kien sab it-Tabib Malti, u allura hu kellu jipprovalhom dak li kien qal. Beda biex wera li n-nemusa *Stegomja Fasciata*, jekk tarda' d-demm minn wieħed marid bid-Deni Mediterran, u wara toqros wieħed ieħor qawwi u sħiħ u titfagħlu f'ġismu d-demm li tkun redgħet, dak li jinqaras aktarx jimrad bid-Deni Mediterran ukoll.

Il-Kapijiet tal-Militar, bis-saħħa ta' Sir David Bruce, malajr għarfu x'kien jiswa dak li sab Zammit għas-saħħa tas-suldati, u ħarġu ordni li l-ħalib li jixorbu s-suldati għandu jkun imgħolli qabel; u malli beda jsir hekk id-Deni Mediterran inqered minn fost is-suldati. Mhux li l-Maltin jibdew jagħmlu hekk ukoll!

Sir Temi qala' tifħir kbir għal dik il-ħidma tiegħu, imma hu ma meliex rasu b'dak it-tifħir u strieħ mix-xogħol li kien qabad, iżda baqa' jħabrek dejjem u kixef ħwejjeġ ġodda. Hekk fil-Kungress tat-tobba li sar Tunes fl-1920, quddiem l-aktar tobba għorrief ta' l-Ewropa, Sir Temi għarraf li jekk il-mikrobu tad-Deni Rqiq, (*Micrococcus Melitensis*) jiġi mlaqqam fuq mezz likwidu aċidu, hu jikber u joktor u jbiddel dak il-mezz f'sustanza alkalina. Hu għarraf ukoll li l-agglutinazzjoni tad-demm tal-marid bid-Deni Mediterran, tista' ssir ukoll fil-ħalib tal-mogħoż morda; u dan jissejjaħ it-*Test* (prova) jew ir-Reazjoni ta' Zammit.

Hekk id-Deni Mediterran, jew Deni ta' Malta, sabulu tarfu, u neħħew ukoll it-tebgħa li kellha Malta billi isimha kien jidher marbut ma' dak id-deni.

Madankollu Zammit qabad fergħa oħra tax-xjenza, fergħa li ma kellha x'taqsam xejn ma' l-ewwel waħda, imma li fiha wera wkoll il-għatjiet li bihom kien żejnu Alla l-imbierek.

L-Arkijoloġija Maltija kienet ilha tħabbel moħħ il-għorrief Maltin u barranin. Abela, Myer, Caruana u Ashby, kollha ħadmu ħafna; imma ried ikun Zammit, li bis-sabar, bil-għerf u bid-dehen tiegħu, bena l-Arkijoloġija tagħna fuq sisien li ma jaqgħu qatt, għax imriffdin mis-sewwa u mill-għerf.

Sir Temi studja sewwa dak li kien miktub fuq il-qedem ta' Malta, kixef qdumijiet oħra, ra b'għajnejh u mess b'idejh, u fl-aħħar irnexxielu jsensel ħaġa ma' oħra, igħaqqad kollox flimkien, u jislet sistema xjentifika ta' Arkijoloġija, li ġiet milqugħa mill-għorrief tad-dinja kollha. It-Tempji ta' Ħal-Tarxien, Ħaġar Qim, Il-Ġgantija, il-qobra u d-dwiemes ta' Malta, kienu għalih ktieb miftuħ li minn fuqu Zammit wera l-kobor u l-għożża ta' Malta minn eluf ta' snin ilu, meta kienet miżmuma bħala Gżira Mqaddsa tal-Baħar Ġewwieni.

Din il-ħidma ta' Sir Temi ġiet magħrufa mhux biss f'pajjiżu, imma xterdet mad-dinja kollha, u xogħlu ġie miżmum bħala mudell, u għalkemm dan l-aħħar ħarġu kotba fuq dak li kien sab hu bla ma jagħtuh il-ġieħ li jistħoqqlu, isem Zammit inkiteb fuq kotba, deher fuq testi għall-iskejjel u ssemma fl-aqwa Akkademji u Soċjetajiet tad-dinja. Sir Temi ġie maħtur bħala Membru ta' l-aqwa għaqdiet tal-għorrief f'Londra, Pariġi, Berlin, Ruma u bliet oħra. Slaten u Rjus kbar kienu ħbieb tiegħu; ir-Re Ġorġ tagħna għamlu Sir, u titli u onuri oħra qala' minn għand il-President ta' Franza, u minn għand Prinċpijiet, Ministri, Kapijiet u Kbarat oħra ta' bosta bnadi.

Il-mewt ta' Sir Temi Zammit kienet telfa mhux biss għal Malta, iżda wkoll għall-Imperu kollu, għax, bħal ma kien qalli, ħames snin ilu, Sir William Smith, Prinċipal tar-"*Royal Institute of Public Health*" ta' Londra *Zammit of Malta is an asset of the Empire.*

G. GALEA.

# MNEJN TIĠI X-XITA

—U l-baħar ma jonqos qatt?

—Il-baħar jonqos, għax bis-sħana jtir, iżda x-xita targa' tagħtih li jonqsu.

—U x-xita mnejn tiġi?

—Mill-baħar.

—Dan kif, mill-baħar? Il-baħar, kieku biss, mielaħ tosku; u l-ilma tax-xita, bla togħma xejn.

—Huwa m'hux hekk, bħal ftira! Ħalli nfiehmek kif inhi din. Jekk tħalli lenbija bl-ilma f'kamra għal ftit ġranet, x'jiġri?

—Il-lenbija tixxotta, l-iżjed fis-sajf.

—U l-ilma fejn mar—Ma xorbux il-lenbi, għax il-fuħħar ma jixrobx, u fil-kamra ma daħal ħadd. L-ilma bil-ftit il-ftit tar, mar fl-ajru u ma deherx aktar.

—Iva, l-ilma jintemm.

—Tgħidx jintemm, għax fid-dinja xejn ma jintemm, bħalma xejn ma jinħoloq mill-ġdid. L-ilma li jtir fl-ajru ngħidulu fwar u l-fwar ma narawhx. Mhux għax ħaġa ma narawhiex, għalhekk, spiċċat. Il-fwar sar bis-sħana u jekk tonqsu s-sħana jarġa' jsir ilma.

Fis-sajf, mita titfa' biċċa silġ f'tazza, tara dlonk it-tazza, minn barra, titnidda u tittappan. Jekk tmissha b'idek issib li ma subgħajk tiġi qatra ilma. Dan x'jiġifieri? Jiġifieri, fl-ajru, madwar it-tazza, kien hemm ilma li aħna ma konniex naraw; u dan l-ilma, jew fwar, mita mess mat-tazza, tilef is-sħana li kellu u sar nida. Fix-xitwa, malli tqum, issib aktarx, iż-żġieġ tat-tieqa niedi minn ġewwa. Dan l-għala? Li ż-żġieġ kien jixrob, bħall-karti, konna ngħidu li l-ilma daħal minn barra; imma iż-żġieġ samm. Il-kamra tar-rqad, mal-lejl,

tintela bil-fwar li jiġi min-nifs tagħna, u dan fl-ajru xejn ma jkun jidher, għax is-sħana żżommu ħafif. Dal-fwar imiss maż-żġieġ li jkun kiesaħ bir-reżħa ta' barra u hekk jitlef is-sħana li jkollu u jarġa' għalli kien, nida jew ilma.

Inti ħu n-nifs tiegħek. Fis-sajf, billi l-ajru sħun, mita tieħu n-nifs xejn ma tara; iżda fix-xitwa, mita tkun ir-reżħa, malli titfa' n-nifs il barra tilmaħ bħal sħaba ħjerġa minn ħalqek u minn imnifsejk. L-arja li toħroġ minn sidrek tkun dejjem mimlija fwar, u dan, malli mis-sħana tas-sider isib ruħu fil-kesħa, isir nida u narawh. Fil-pajjiżi tal-bard il-fwar tan-nifs, malli joħroġ mill-imnifsejn, jiksaħ li jagħqad bħal borra fuq ix-xagħar tal-leħja ta' dak li jkun.

Tridx xhieda oħra? Mita d-dar issib kitla tagħli fuq in-nar, il-fwar li jkun ħiereġ miż-żennuna jew ma jidher xejn jew jidher kemm kemm. Ressaq tazza b'fommha lejn iż-żennuna u tara, kif f'kemm ili ngħidlek, it-tazza titnidda minn ġewwa u qtar ta' l-ilma jinġabru u jiċċarċru maż-żġieġ. Hix ċara dit-tiġriba? L-ilma tal-kitla, bis-sħana tan-nar, isir fwar, jeħfief, u jaqbad ħiereġ miż-żennuna. Mita jsib iż-iż-żġieġ kiesaħ, jitlef mis-sħana tiegħu u ma jibqax fwar, iżda jarġa' jsir ilma. Din, nisthajjel, issa fhimtuha sewwa.

Nerġgħu għalli konna. Ix-xemx, bis-sħana tagħha, it-talla' ħafna fwar minn wiċċ il-baħar u dal-fwar jitla' 'l fuq għax eħfef mill-arja. L-ilma biss isir fwar, u l-melħ jibqa' fil-baħar għal xogħlu, għax bis-sħana tax-xemx ma jtirx. Dal-fwar, kif għedna, ma jidhirx, u, billi ħafif, jibqa' tiela' sa kemm isib daqsxejn tar-reżħa. Hemm iżomm u jaqgħad bħal nida, u aħna nsejħulu SĦAB. Tara kif ġejja ftit ftit? Is-sħab huwa fwar li beda jiksaħ u għaldaqshekk ftit baqagħlu biex isir ilma. Mela, mita tara sħaba għandek tgħid: jekk dis-sħaba tiltaqa' ma' żiffa sħuna, tisħon, tarġa' ssir fwar u tgħib minn għajnejna u jekk issib żiffa kiesħa, tibred u ssir qtar ta' l-ilma. Issa inti taf li l-ilma ma jżommx fl-ajru, iżda jaqa' għalhekk mita s-sħaba tibred u ssir ilma mill-ġdid, dan l-ilma jaqa' u jagħmel dak li ngħidulu XITA. Mela rajtx hux bħal ma ngħidlek li x-xita mażuna fil-baħar?

(Mit-*Tagħlim fuq id-Dinja*)

# IL-MEWĠ

—Zi, fehemni kif il-baħar filli jkun donnu żejt, u filli jaqbad jitmewweġ u jirgħa.

—L-ajru u l-ilma dejjem jitħarrku, ftit jew wisq dejjem sejrin, dwar id-dinja kollha, bnazzi u maltemp. Mita l-ajru jitħarrek qawwi, jagħmel ir-riħ, u l-baħar malajr iħoss u jaqbad imewweġ. Jekk tonfoħ fuq tazza mimlija bl-ilma, tara minnufih wiċċ l-ilma, li kien wati, jitkemmex u jitriegħed, jogħla u jitħaffer donnu bħal jagħli. Malli terħi l-infiħ, l-ilma joqgħod. Hekk jiġri fil-baħar mita ir-riħ jonfoħ. Il-baħar jitriegħed fil-wiċċ u jitmewweġ, u dan it-timwiġ, billi mhux ġej mill-qiegħ, f'daqqa jiġi u f'daqqa joqgħod.

Fejn jaħbat ir-riħ, il-baħar iqum u l-mewġ li joħloq jibqa' sejjer dawwara mejt. Jekk ir-riħ ikun qawwi, il-mewġ jitbiegħed bosta. Il-mewġ jista' jkun baxx, kemm kemm jinħass bħal mita narawh għal filgħaxija b'żiffa ħelwa tas-sajf, u jista' jogħla f'ħalel li jkexkxu. Ta' dawn il-ħalel kbar ta' baħar qatt ma rajna sura, għad li, f'xi grigalata qawwija, il-baħar hawnhekk jogħla ġmielu. L-akbar mewġiet jiltaqgħu magħhom in-naħa ta' l-Afrika t'Isfel, mita ir-riħ jonfoħ mill-Majjistral. Dawn il-ħalel ta' baħar jaslu mogħla l-Palazz tal-Gvernatur, xi 40 pied. Lejn il-poli ma jkun hemm qatt mewġ hekk oħxon, għax is-silġ li jgħum f'wiċċ l-ilma ma jħallihx jitħarrek wisq, il-baħar.

Issa l-mewġ jitħarrek, iżda ma jimxix bħal ħaġa li tmur minn banda għall-oħra jew bħal werqa li ttir mar-riħ. Oqgħod ħares lejn il-baħar mita jkun ftit qawwi u r-riħ ikun raqad; ara tilmaħx xi biċċa għuda 'l barra jew xi gawwija mibruka fil-wiċċ. Il-għuda jew il-gawwija togħla mal-mewġa u tarġa' tinżel mita l-baħar jofroħ, u b'dan kollu tibqa' fejn tkun. Li l-mewġa kienet tassew timxi kieku dak li jkun fuqha jimxi magħha. Iżda l-mewġ ma jimxix, għad li jidher għaddej il quddiem.

—Kif, zi, il-mewġ ma jimxix u ma jġib xejn miegħu? Mela wara maltempata kif naraw il-plajja mimlija bl-alka, u bċejjeċ tal-għuda li ġew minn barra? Din, ħej, ma nistax nifhimha, għax dejjem naf li l-baħar qawwi jġib xi ħaġa miegħu.

—Tgħaġġilx tiċħad li tisma'. Mita jkun baħar qawwi, ir-riħ ikun qawwi wkoll u r-riħ kif jimbotta l-mewġ u jġagħlu jirgħa fil-quċċata, hekk ukoll jitfa' u jmexxi kull ma jsib f'wiċċ l-ilma. Mita għedtlek il-mewġa togħla u tibqa' fejn tkun, ridt ingħid, il-mewġ bla riħ; m'hux f'waqt il-maltemp, iżda wara żmien, mita r-riħ jorqod u l-ħalel tal-baħar jibqgħu deħlin bla riħ xejn.

—Bħal dak li ngħidulu strakkatur?

—Sew bħal dak.

Il-mewġa, jiġifieri wiċċ il-baħar togħla 'l fuq fid-dritt u fid-dritt tarġa' tinżel. Dat-tlugħ u nżul iħarrek u jriegħed l-ilma mad-dawra, li jogħla u jinżel bħal l-ewwel mewġa u jarġa' għalli kien Dil-mewġa ġdida titla' u tinżel u tinbotta l-ilma ta' ma' ġenbha; u hekk, l-aħħar mewġa li ssir ma ssibx lil min tinbotta u tixteħet fuq l-art.

—Dan f'mewġ il-baħar biss jiġri?

—Le: ara kif ħwejjeġ oħra jagħmlu bħall-mewġ, jitħarrku bla ma jimxu.

Agħmel sarbut boċċi, waħda tmiss ma' l-oħra, u olqot l-ewwel waħda; tara li l-boċċi jibqgħu fejn kienu, u l-aħħar waħda biss titbiegħed minn sħabha. Qatt kont fuq bejt tħares lejn ġemgħa ta' nies fit-trieq jew f'xi xagħra? Malli jsir ftit ta' l-imbuttar tara l-ġemgħa kollha titħarrek u titmewweġ, u b'dan kollu kulħadd jibqa' fejn kien, u mixi ma jsir xejn. Hekk ukoll, jekk taqbad ħabel twil minn tarf, u tferfer idek bil-qawwi, tara l-ħabel jiltewa mewġ mewġ, li donnhom ikunu jiġru wara xulxin; iżda l-ħabel u la jkun twal u lanqas qsar.

(Mit-*Tagħlim fuq id-Dinja* 1901)

# IL-ĦMIRA

Biex il-ħobż jitla' u ma jibqax baxx u ażżmu, bħall-ftajjar u l-galletti, għandu jkun imħemmer; u x'inhi din il-ħmira ?

Il-ħmira hi għaġina imtellgħa, nistħajjel min igħidli. Iva, iżda x'inhu li jtalla' l-għaġina ? Il-ħmira hi magħmula minn moffa żgħira (tinwir) li tgħix u tikber bħal ħaxix ieħor, jekk issib dak li tinħtieġ. Din hi l-moffa, li imħallta maż-żokkor tax-xgħir tagħmel il-birra. Jekk daqsxejn ħmira tal-ħobż tibqa' għal żmien fil-għaġina, dil-moffa toktor sa kemm il-għaġina kollha ssir ħmira. Jekk fi ftit ilma u zokkor tal-għeneb tagħmel ftit ħmira, iz-zokkor jitbiddel fi spirtu; minn dan taraw li l-inbid m'hux ħlief l-ilma biz-zokkor li fih il-għeneb, imbiddel mill-ftit ħmira li taqa' fil-bittija tal-magħsur. Għalhekk ukoll jekk f'biċċa għaġina tagħmel ftit qatriet birra li għadha qed issir, il-għaġina titla' u tista' ssir ħobż. Mela ara kif titla' l-għaġina, dil-moffa tal-ħmira mħallta ma' l-ilma fietel u d-dqieq, tgħix fuq iz-zokkor li ssib u li jsir mid-dqieq, tikber, u tixxerred fil-għaġina. Fl-istess żmien issir miz-zokkor bħal arja jew gass li bis-sħana jitwassa' u jikber li fil-birra jagħmel ir-ragħwa, u fil-għaġina ġġib dawk il-ħofor li jagħmel il-ħobż donnu sponża, u l-għaġina titla' u teħfief u tinfexx, u il-ħobża tista' aktar tittiekel, u ssir bnina u tgħaddi malajr mill-istonku.

Hawn Malta u f'xi ftit pajjiżi oħra, għadhom bħall-antiki nett, mill-għaġna tal-lum jerfgħu l-ħmira għall-għada, iżda l-ħmira tista' tinżamm xort'oħra wkoll. Dil-moffa li tagħti l-ħmira ikabbruha fil-ġlebb imbagħad inix-xfuha, iżidulha daqsxejn dqieq u jbigħuha bil-biċċa, bħall-karamelli. Tara x'kumdità ? Dil-biċċa tal-ħmira ilhom jafuha minn żmienijiet l-aktar bogħod, u l-Eġittu kienu jagħmlu l-ħobż bħalna, ma dwar l-erbat elef sena ilu. Il-lum li l-għorrief iridu jirranġaw kollox, biex jaraw il-ħwejjeġ imorru dejjem aħjar, iridu jsibu kif itellgħu l-ħobż mingħajr il-ħmira kif nafuha aħna. Għax wara kollox il-ħmira x'tagħmel fil-ħobż ? Ittelgħu u tagħmlu ħafif. Mela l-ħmira tagħtina biss dik il-ftit arja jew gass li jagħmel it-toqob tal-ħobż, u għalhekk jekk jirnexxilna nagħmlu ħobż minfuħ b'ħaġ'oħra, lill-ħobż ma nkunu naqqasnielu xejn ; hux hekk ? Fi ftit kliem irridu xi ħaġa li tagħtina ftit ragħwa u li nistgħu

ndaħħluha fil-ħobż. Mita tixtri *Sidliz* min għand l-ispiżjar jagħtik qartas abjad u ieħor ikħal u jgħidlek tħollhom u tħallathom flimkien: malli titfa' l-ilma ta' qartas wieħed fl-ieħor, l-ilma jibda jfexfex qawwi u ssir ragħwa kbira li timla t-tazza. Wieħed mill-qratas fih ftit soda u l-ieħor ftit qares, u malli dawn iż-żewġ ħwejjeġ jitħalltu ma' xulxin issir ir-ragħwa. Min qatt ma ra dawn il-qratas tas-*Sidliz*, jista' jagħmel ragħwa bħal tiegħu billi jagħsar nofs lummija fuq ftit trab tal-ġebla tagħna tal-franka. Il-qares tal-lummija jsir ħaġa waħda mat-trab u jbaqbaq u jfextex u jirgħa. Għalhekk, flok il-ħmira; xi ħabbieża jħalltu mal-għaġina ftit trab tas-soda u ftit trab tal-qares ta' l-inbid. Dawn, maħlula fl-ilma tal-għaġina, ifexfxu u jirgħaw u itellgħu l-ħobż u jinfxuh.

Hemm min italla' l-ħobż mingħajr dawn it-trabijiet xejn, iżda bl-arja biss. Tafux dak l-ilma li jfexfex mita tferrgħu fit-tazza, igħidulu *Selz*, jew dak li jgħidulu *Soda-water*? Dawn l-ilmiet fihom imħallta ħafna arja magħfusa bil-magna u mita tneħħi t-tapp, l-arja li ma tibqax magħfusa tarġa' għalli kienet u għalhekk tbaqbaq u tirgħa. Dauglish, tabib Ingliż, ħaseb fl-elf tmien mija u sitta u ħamsin, li jtalla' l-ħobż b'dan l-ilma li fih maħlula kotra ta' arja. Biex isir dax-xogħol, l-ewwel irid wieħed ilesti l-ilma bl-arja ġo fih u mbagħad b'dan l-ilma jiġi magħġun il-ħobż. Bis-sħana tal-forn, l-arja magħluqa fil-għaġina tikber u tħaffer il-ħobża u tagħmilha ħafifa kemm jista' jkun u l-ħmira ma tkun daħlet xejn fil-biċċa.

Ara kif xi ħadd jagħmel il-ħmira wkoll. Iħalltu ftit ħalib fietel ma' ftit dqieq sa kemm issir għaġina iebsa, u jħalluha fis-sħana sa ma tibda tiqras. Sa ma din tkun lesta jagħġnu d-dqieq għall-ħobż b'ilma sħajjen u bi ftit melħ. Dil-għaġina tinħadem ma' dik il-ħmira bil-ħalib u titħalla għal ftit taż-żmien f'ġenb. Wara ftit sigħat, il-għaġina tibda togħla u fil-forn issir ħobża l-ġmiel tagħha, ħafifa, minfuxa u bnina.

(Minn *Kelmtejn fuq il-ħobż*
Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien 1902.)

# L-ASSEDJU L-KBIR 1565

### Qabel l-Assedju

Ġara li l-Gran Galjun tas-Sultan Tork li kien jibbordja lejn l-Adrijatku waqa' taħt idejn ix-xwieni ta' l-Ordni li karkruh lejn Malta mgħobbi b'kull ġid. Is-Sultan għadab mita sama' li l-erba' qoxriet ta' l-Ordni kellhom il-ħila jeħdulu l-aħjar ġifen, u ordna dlonk illi l-ewwel salt għandu jingħata lil Malta biex hekk ineħħi mis-saqajn l-Ordni u jista' bla biża' jixteħet fuq bliet oħra tal-Mediterran.

La Valette li kien jaf x'qiegħed isir f'Kostantinopli bagħat malajr jitlob għajnuna lill-prinċpijiet ta' l-Ewropa, imma ftit ġew il quddiem. Il-Papa bagħat 10,000 biċċa tal-fidda u l-Imperatur Filippu ftit suldati. Kellu għalhekk il-Gran Mastru jara kif jeħles mill-qilla tat-Torok b'għerfu u bil-ħila ta' sħabu u tal-poplu Malti.

Ġabar fil-Kunvent lill-Kavalieri kollha li kienu barra u kiteb suldati kemm sata' min-nies tal-gżira. Kull ma kellu għat-taqbida li kienet ġejja huma 600 Kavalier u xi 8,500 suldat. Wettaq is-swar tal-Birgu, għalaq b'katina ħoxna d-daħla bejn l-Isla u Sant'Anġlu, biex warajha jinġabru x-xwieni, żied il-għases ta' l-Imdina u ordna illi malli t-Torok jaslu, in-nies tar-rħula kollha jiġbru ħwejjiġhom u jmorru l-Imdina. Ara l-imsejkna Maltin fiex sabu ruħhom; bil-biża' tal-mewt fuqhom, bil-fehma li jitilqu l-bhejjem u l-biedja f'idejn il-għadu, bil-ħsieb li u la s-swar u la n-nies ma kienu biżżejjed biex jilqgħu kotra kbira ta' Torok, it-tama tagħhom ma kenitx ħlief f'Alla. Aktar kienu jorbtu ruħhom mal-ħniena tas-Sema nkella mal-qawwa ta' l-erba' swar li kellhom. Xi wħud kienu jxerduha : "Din qlajja' tal-Kavalieri, ħsiebna, għandhom it-Torok." M'hux hekk kien balleċ.

### Il-Wasla

Fit-tmintax ta' Mejju, 1565, dehru raxxa qlugħ fix-xefaq; kibru u resqu lejn l-art u żammew lejn ix-xlokk. Kienu 159 bastiment tal-gwerra u mijiet ta' bastimenti oħra bil-munizzjon u l-ikel għal 30,000 ruħ. Tletin elf għadu u disat elef ruħ bla tama ta' għajnuna biex ma jħalluhomx jirbħu din-nitfa art fejn San Pawl xandar l-Iben t'Alla u fejn il-bandiera bajda bis-salib aħmar kienet tittajjar u tfaħħar id-din ta' l-Insara.

Sant'Anġlu bil-kanuni tiegħu ta s-sinjal biex kulħadd jinġabar wara s-swar għax nies biex ma jħallux il-għadu jinżel l-art, il-Gran Mastru ma kellux.

L-isbark sar Marsaxlokk u f'jumejn it-Torok waslu ż-Żejtun u Ħaż-Żabbar bla ma ħadd laqagħhom. Ħadu kull ma sabu u bħal ġliba tal-ġrati għaddew il quddiem u waqqfu t-tined quddiem is-swar u xterdu ma' Ħal-Tarxien mal-Marsa u fuq il-għoljiet ta' Kordin. Karkru l-kanuni tagħhom, kbar u żgħar, fuq il-għoljiet kollha u fl-aħħar ta' Mejju il-għolja ta' Xebb-ir-Ras, fejn il-lum mibnija l-belt, kienet mgħottija b'tined imżewqa, bil-kanuni u b'eluf ta' suldati bis-srawal u t-turbant, iħarsu lejn il-qabda nsara magħluqa, bħal ġrieden ġo' nassa, fis-swar tal-Birgu u ta' l-Isla. Fil-ponta tal-ħotba ta' Xebb-ir-Ras kien hemm daqsxejn ta' forti (Sant'Jermu) bil-bandiera ta' l-Ordni tperper u tgħid : "Hawn jien, ersqu jekk għandkom il-ħila."

**Jaqa' Sant'Jermu**

Għalhekk Sant'Jermu kellu jkun minn ta' l-ewwel li jġarrab il-ħruxija tal-Misilmin. Suldati Torok kienu jaslu sikwits u fl-aħħar ta' Mejju wasal Dragutt b'elf u ħames mitt ruħ. Dan malli ġie, rama batterija fuq il-ponta ta' tas-Sliema biex ma jħallix bastimenti jidħlu fil-port ta' Marsamxett. Mita kollox kien lest taw is-salt għal Sant'Jermu; kanuni, basiliski, kolumbrini xkubetti, fetħu nar qawwi, sejjer dejjem, għal fuq is-swar ta' dal-forti ċkejken. Bin-nhar l-insara ġol-forti kienu jisparaw u jilqgħu l-għadu u bil-lejl idewwu l-feruti u jraqqgħu s-swar kif jistgħu. In-nies ġol-forti bdiet tonqos. Għall-ewwel il-Gran Mastru kien jibgħat nies bil-lejl bid-dgħajjes, imma wara ftit il-għases Torok ma ħallewx aktar min jersaq lejn il-ħotba ta' Xebb-ir-Ras u l-imsejkna nies ta' Sant'Jermu u la kellhom min ibiddilhom, u la min iserraħhom. Jonqsu l-lum u jonqsu għada, il-forti ma satax iżomm aktar. B'dan kollu Sant'Jermu żamm wieqaf erba' ġimgħat u mita waqa', fit-23 ta' Ġunju, Mustafà ma sabx bniedem wieħed ħaj. Lil ħafna mill-mejtin qatgħelhom rashom, rabathom fuq twavel u telaqhom il-baħar biex mar-riħ jaslu sax-xatt tal-Birgu u jbeżżgħu lil sħabhom.

Sant'Jermu sewa 1,500 ruħ lill-Ordni u minn dawn 100 kienu kavalieri. Il-Misilmin tilfu 8,000 ruħ, fosthom il-kbir Dragutt li fil-waqt ta' l-aħħar assalt ġie maqtul minn balla tal-ħaġar.

Malli waqa' Sant'Jermu, it-Torok setgħu jidħlu fiż-żewġ

portijiet u għalhekk biċċa mill-flotta daħlet Marxamxett u tefgħet l-ankri l-Imsida u tal-Pietà.

Wara ħafna talb lill-Viċire ta' Sqallija, dana bagħat ftit suldati ma' tnejn u erbgħin Kavalier taħt il-kmand ta' Don Melkiorre Robles, Spanjol. Dar-rinforz niżel in-naħa ta' San Pawl-il-Baħar u wara ħafna tagħwiġ wasal il-Birgu.

**Attakki fuq is-Swar**

Fil-15 ta' Lulju, it-Torok taw l-ewwel assalt kbir lill-Birgu u lill-Isla bl-art u bil-baħar, għax il-Marsa armaw ħafna dgħajjes li daħħlu ftit ftit. Kemm-il-kanun kellhom dawruh fuq is-swar u żammew in-nar sa ma dalam u fl-istess ħin id-dgħajjes ressqu kemm nies setgħu lejn ix-xatt tal-bliet biex jitilgħu mas-swar jew jidħlu mill-ħofor li għamlu l-balal ġol-ħitan.

It-Torok tilfu 3,000 ruħ f'dan l-attakk u mal-lejl kellhom jerġgħu lura. L-insara rebħu imma tilfu nies mhux ftit, u wħud mis-swar infetħu u niżlu borra. Il-għada raqqa' u sewwi u ġib min isewwi. Fit-2 ta' Awissu t-Torok għamlu nifishom u xteħtu fuq l-Isla u l-Birgu b'kemm kellhom nies. Ittendew bil-ħsara kbira li għamlu lis-swar u bil-għeja li kienu jinsabu fiha l-Insara u għalhekk Mustafà ħalef li dak in-nhar kellu jwaħħal is-sanġakk tas-Sultan fuq l-ogħla ċint ta' Sant'Anġlu : ukoll jekk kellu jħalli mejta nofs in-nies tiegħu.

La Valette u sħabu raw li t-tama li jirbħu dak in-nhar kienet żgħira u talbu, bl-akbar ħrara, il-għajnuna tas-Sema, għax saħħa biex ibiegħdu dawk l-egħdewwa kollha ma kellhomx.

Bdiet it-taqbida, is-swar taħt in-nar tat-Torok bdew jitriegħdu u 'l hawn u 'l hinn, toqob u xquq bdew jidhru. Issa tinżel prexxa minn tarf, issa jbatti xifer minn ieħor, u n-nies miġruħa, għajjiena, qalbha maqtugħa, bil-għatx, imxarrba bil-għaraq u bid-demm, tiġri minn hawn u minn hemm biex tilqa' l-egħdewwa li bħal nemel bdew telgħin mir-radam.

"Spara, itfa' l-ħaġar, xejjer is-sejf, il-ħatar dak li jiġi f'idejk, tħallix ebda turbant jogħla barra mis-sur, ja Nisrani. San Ġwann miegħek ! Ftakar fil-ħruxija li saret minn sħabek Sant'Jermu. Jew oqtol il-għadu jew joqtlok, irsir taqa' qatt." Dan kien il-kliem tal-Kavalieri mas-swar kollha, imma kif trażżan il-qawwa ta' l-ilma mita jinfaqa' l-ħajt li kien iżommu ?

F'daqqa waħda t-trombi tat-Torok idoqqu qawwi biex in-nies kollha tarġa' lura. L-isparar tagħhom qata', nies taqbeż ġod-dgħajjes, nies timbotta lil ta' quddiemha, nies terħi l-armi u tiġri kemm tiflaħ. U t-trombi jżarżru, "lura, lura", kulħadd għall-Marsa. X'ġara? "Wasal ir-rinforz, l-insara waslu wara spallejna," qalu lil Mustafà, "Ara l-kavallerija xi tqatta' t-Torok fid-daħla ta' Wied il-Kbir."

**Waslet l-għajnuna?**

Xejn minn dan ma kien ġara! Il-kavallerija tar-Rabat biex tgħin lil dawk tal-Birgu, f'waqt li sar l-assalt il-kbir, niżlet mir-Rabat u ħarbtet lil dawk li baqgħu għassa il-Marsa u mita raw li t-Torok irtiraw, reġgħu għal belthom.

Mustafà tgħargħar f'demmu mita ra li kellu jmur lura mita kien għoddu rebaħ għal kollox. Ma satax jagħmel ieħor, il-ħin kien sar u ma kienx hemm żmien jarġa' jiġbor in-nies u jaħbat għas-swar darb'oħra.

Mustafà serraħ in-nies għoxrin ġurnata u raġa' ta s-salt, imma s-suldati tilfu dik il-ħeġġa tat-2 ta' Awissu u kienu dejjem iħarsu lura mita jattakkaw u wara tnax-il-siegħa taħbit reġgħu għall-kamp. Salt ieħor taw fl-ewwel ta' Settembru; resqu lejn is-swar, ixxabbtu, qatlu nsara u għamlu ħsara mhix żgħira imma kull suldat nisrani ħadem għal għaxra u t-tfal waddbu l-ħaġar, u n-nisa newlu l-għodda u ressqu l-ilma biex iberrdu xuftejn l-irġiel. Kull id tiswa għax kull laqxa tirfed l-imramma. Hekk, bil-ħeġġa tal-Kavalieri u t-tama fil-ħniena t'Alla ma' nżul ix-xemx it-Torok tbiegħdu mis-swar.

Il-Gran Mastru, li aktar minn ħaddieħor kien jaf fejn kien wasal, bla nies, bla ikel, bla ilma; bis-swar nofshom imġarrfa, bil-egħdewwa dejjem resqin, irossuh minn kull naħa, kien jibgħat dgħajsa wara l-oħra Sqallija jitlob għajnuna lill-Viċirè. Dan kien lesta armata imma ma kienx hemm li jibgħatha. Mil-lum għall-għada, issa ma hemmx riħ, issa jibża' mill-flotta Torka, issa jistenna l-ordni tar-Re; u ż-żmien għaddej, u Malta waslet fl-aħħar nifs ta' ħajjitha.

**Ir-Rebħa**

Fis-7 ta' Settembru l-imbierek rinforz wasal sa fl-aħħar, 8,300 suldat sbarkaw il-Mellieħa u rħewlha għall-Imdina. Donnhom it-Torok intebħu bl-isbark ta' l-Isqallin qabel La Valette għax sebħu jżarmaw it-tined u jgħabbu l-armi u l-munizzjon.

In-nies aktar mejta nkella ħajja, malli semgħet li wasal ir-rinforz anqas ħasbu biss li jaħbtu għat-Torok qabel jitilqu mill-Marsa. Taħom ġenn bil-ferħ, daqqew il-qniepen, imlew il-knejjes, daħku, bkew.

Mustafà ħaseb li waslu 20,000 ruħ u billi ma riedx li jaqbduh bejn żewġ armati, malajr għabba li sata' u mbarka biċċa min-nies Marxamxett u l-oħrajn telqu lejn San Pawl il-Baħar.

It-truppi tar-rinforz baqgħu jħarsu lejn it-Torok sejrin u ma ħasbux jagħmlu taqtigħa minnhom; hekk dawn irnexxielhom jitilqu b'ħeffa kbira u fit-13 ta' Settembru mijiet ta' qala' dehru sejrin lejn il-Lvant. Fil-15 tax-xahar, il-Viċire ta' Sqallija wasal bis-suldati l-oħra u b'48 xini u stagħġeb mita sama' li t-Torok kienu tbiegħdu mill-gżira.

Fl-assedju l-Insara tilfu 9,000 ruħ u t-Torok madwar l-20,000.

Il-Birgu li ħareġ hekk rebbieħ, ġie minn dak iż-żmien imsejjaħ "Città Vittoriosa", Belt Rebbieħa.

B'tifkira ta' dir-rebħa, il-Maltin, fit-8 ta' Settembru jagħmlu festa kull sena sew fil-knisja kemm barra, iżda l-lum ma nistgħux inġibu quddiem għajnejna d-diqa u l-biża' ta' dik it-taqbida u lanqas il-ferħ ta' dik ir-rebħa.

(Minn *Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja tagħhom* 1925-34)

# ID-DNUB MA JORQODX

Wara li miet żewġha, Ketrin ħadet ħsieb ir-raba' għax uliedha kienu għadhom ma laħqux. Ġiet sena biex tiżra' ftit kittien u dehrilha li ż-żerriegħa li kellha ma kinetx ħaġa. Sejħet lil Sdejru, ħuttab tal-biedja, u staqsietu jekk kellux il-ħila jiksbilha qabda kittien ta' għamnewwel. "Dak mhux kittien li għandek f'dik iċ-ċurniena?" saqsa Sdejru. "Iva kittien, iżda ma f'għajnix minnu, xtaqt żerriegħa oħra; ta' xogħlok titħallas," qaltlu. "Fejn mort b'rasek," qabeż Sdejru, "hux kittien trid, kittien minn l-aħjar inġiblek, għandi għax immur Burmarrad dil-ġimgħa u naf fejn hemm ftit kittien jitkellem. Newwilli dik iċ-ċurniena u nġibhielek mimlija bil-kittien li naf jien. B'żewġ skudi tfieq"

"Ħudha," qaltlu Ketrin, "inħalli f'idejk."

Sdejru ħareġ bid-daħka f'fommu għax kien jaħseb bejnu u bejn ruħu. "Għaqal tan-nisa. Ser naqla' żewġ skudi ta' xejn, għax narġa' lura biċ-ċurniena tagħha, ħa' nara jekk għandhiex il-ħila tagħraf żerriegħa minn oħra."

Ma għaddewx jumejn u Sdejru ġieb lura ċ-ċurniena lil Ketrin: "Hawn xbint, ara kattx rajt żerriegħa bħal din?"

"Ma fihiex xi duda?" saqsiet Ketrin.

"Ifliha," qal Sdejru.

Ketrin firxet liżar f'nofs il-għorfa u Sdejru qabad iċ-ċurniena mill-qranen u ferragħha f'kemm ili ngħid. Ħaġa tleqq feġġet f'nofs il-għorma taż-żerriegħa u Ketrin refgħet malajr ħatem tad-deheb u qegħdilu f'sebagħha. Wiċċha sar minn kull lewn, xoftejha ntebqu u b'għajnejha riedet tiekol lil Sdejru. "X'ġara?" qal il-ħuttab, "x'sibt?" "Sibt il-qoxra ta' wiċċek," qabżet hi. "Sibt li int bla ruħ għax ġibtli lura l-kittien li ħadt minn għandi. Ara tgħid lê. Mita mlejt diċ-ċurniena, tlift il-ħatem tat-tieġ u ma stajt insibu mkien. Hawn hu, feġġ fiż-żerriegħa li ferragħtli. Aqla' 'l barra, xbin, qabel ma nagħmel waħda minn tiegħi."

Sdejru tfixkel, imma ma riedx itiha b'mitlufa. Qabad irodd is-salib u jgerger: "Din waħda, dal-għodu, tassew li ma

tistax tagħmel ġid fid-dinja, ara biex tħallast wara li ħadt strappata sa Burmarrad! u Ġieżu Marija Ġież, aħjar tagħmilha max-xjaten inkella man-nisa." U baxx-baxx telaq il barra.

Ketrin marret warajh sal-bieb u ntasbet fuq qaddha fuq il-għatba, b'idejha mgħaqqdin ponn fuq ġenbha. "Saħħa xbin, ara qatt tersaq lejn dal-bieb", qaltlu, "nagħli għal dawk iż-żewġ skudi li tlift, jaħasra."

Ketrin u la għajtet u la tmasħnet, iżda l-biċċa ġriet u dawk tar-raħal, li ma għandhomx ħajta f'ilsienhom, ma kinux iħalluhielu ħelwa għal melħa; kull fejn kien jersaq kien jisma', jew b'ċajta, jew taħt ilsien, jew mit-tfal fil-bogħod: "Xi qabda kittien niksbu?"

Isma' l-lum u isma' għada, Sdejru ddejaq u f'qasir żmien ħalla r-raħal u mar igħammar band'oħra.

(L-ewwel Novella, Il-Malti 1926)

Fost il-kitba ta' Sir Temi Zammit insejna nsemmu:

1. *L-ewwel għajnuna lil min ikorri,* miġjub bil-Malti mill-"First Aid to the Injured" maħruġ mis-St. John Ambulance Association. Ktieb ta' 244 paġina stampat fl-Empire Press fl-1934.

2. *First aid to help English residents in these Islands to get some knowledge of the Maltese Language*: ktejjeb żgħir ta' 24 paġina bi kliem bil-Malti mfisser bl-Ingliż u kif tippronunzjah. Stampat fl-1934.

# SAN ĠILJAN

### Il-Knisja u l-Istatwa ta' San Ġiljan

Il-Knisja ta' Lapsi fuq San Ġiljan ġiet mibnija fl-1580 u ssewwiet u xi ftit tkabbret fl-1682. Fl-1848, saret viċi-parroċċa u billi n-nies żdiedet ġiet imkabbra darb'oħra fl-1852-3. Dan l-aħħar twessgħet darb'oħra għax in-nies kotrot u saret parroċċa b'kappillan għaliha.

Lejn ix-xatt tat-tieni ramla, fl-1836, twaqqfet Statwa ta' San Ġiljan bil-għażżiela ħdejn saqajh. Fl-art, taħt l-istatwa kien hemm menqa żgħira tinżel għaliha bi tliet tarġiet, dejjem mimlija bl-ilma, tifwir ta' nixxiegħa żgħira li kienet tbaqbaq fiha f'nofs ir-ramel li kien jinġabar fil-qiegħ. Il-fidi tan-nies kienet qawwija fl-imgħoddi u San Ġiljan kien magħruf bħala tabib tat-tfal morda, l-aktar bil-marda tal-biċċa. Kont tara l-ommijiet iqandlu t-tfal taħt l-istatwa tal-qaddis ineżżgħuhom u jgħaddsuhom sa għonqhom fir-ramel u fl-ilma. "*Mur indifen San Ġiljan*", kien bħal qawl ta' min jara xi marid. Il-lum il-menqa ntliet bil-ħaġar u meta sewsew il-mol u wesgħu t-trieq tbattam kollox u n-nixxiegħa baqgħet sejra lejn il-baħar.

Il fuq mit-tieni ramla, fuq it-trieq ta' San Ġorġ, fl-1688, inbniet knisja żgħira (tal-Kunċizzjoni) mhux bogħod mill-palazz ta' Spinola.

### Spinola

Dal-palazz inbena mill-Kavalier Pawlu Rafel Spinola fl-1688, għalih u għal niesu. L-arkati tax-xatt quddiem il-palazz u ħdejn il-knisja kienu jiswew biex fihom jiskennu s-sajjeda u l-bdiewa li jiġu mill-bogħod b'xi qbiela, għall-quddies u għal xi bawxata. Fl-1733 laħaq il-Balì Ġann-Patist Spinola li kabbar il-palazz u sebbħu.

Mita ġew il-Franċiżi, fl-1798, ħadu f'idejhom il-palazz u ħarbtuh sewwa, għax s-suldati ma jafu jibżgħu għal xejn, l-aktar fi żmien il-gwerra. Fl-1826, il-palazz u l-knisja ġew f'idejn il-Kanonku tal-Katidral Gio. Franġisk Debono li sewwa l-ħsarat li għamlu l-Franċiżi, u ġieb kollox għalli kien qabel.

Fl-1860, il-militar li kien jinħtieġ Sptar, ħa dal-palazz

b'ċens u semmieh Sptar ta' *Forrest* bl-isem tat-tabib li kien fuq it-tobba militari f'dik is-sena. Mita l-militar telqu, il-palazz raġa' f'idejn il-qassis li jgawdih bħala benefizzju.

**Ir-Ramliet ta' San Ġiljan**

L-ewwel Ramla, ta' San Ġiljan tissejjaħ "*tal-Balluta*", għax fil-misraħ ta' quddiem il-baħar kien hemm, għal żmien twil, ħafna siġar tal-Ballut.

Għax il-Gvern ma jaħsibx iħawwel xi ftit ballut mill-ġdid biex jinżamm l-isem ta' dik id-daħla tal-baħar?

Dari, mita trid mid-daħla tal-Ballut tmur lejn it-tieni ramla u lejn ta' Lapsi, kont tgħaddi minn trieq dejqa u mwiegħra li fl-aħħar tinqasam fi tnejn, lisfel għat-tieni ramla qrib l-istatwa ta' San Ġiljan u 'l fuq għal fejn il-Knisja ta' Lapsi.

Għall-ħabta tal-1897, il-Gvern ħaseb li jiġbed trieq mal-baħar mit-tarf ta' l-ewwel ramla għal quddiem Spinola; din ħarġet trieq mill isbaħ, wiesgħa, u watja. Billi saret fi żmien il-Gvernatur Grenfell ġiet imsemmija "*Grenfell Street*". Hekk ingħoġbot dit-trieq, li 'l hinn mid-daħla ta' San Ġorġ, għal taħt il-Madliena lejn Baħar iċ-Ċagħak, saħansitra d-daħla tas-Salini lejn Burmarrôd, twessgħet it-trieq il-qadima kif inhi l-lum u ssemmiet "*Grenfell's drive*". Xogħol tajjeb li kien jinħtieġ.

Mal-ħajt, bejn iż-żewġ ramliet in-nies malajr ħasbet biex tibni u fi ftit snin, dar wara l-oħra, inbniet il-faċċata kollha.

Ir-ramla ta' barra, jew "*tal-Balluta*", li dari kienet tgħodd xi għoxrin dar żgħira għan-nies tas-sajf, tbiddlet bħal lejl min-nhar, għax il-ġnien kbir tal-Kulleġġ inqered u fejn kien hu tala' bini għoli ħames pjani, maħdum b'reqqa kbira li jasa mijiet ta' nies. Dal-bini tal-Markiż Scicluna sar bla xeħħa ta' xejn, kollox mill-aħjar, bħal dawk li naraw maħżuża fil-ġurnali ta' barra u li jinsabu fuq ix-xtut ta' Franza u ta' l-Italja. Ix-xjuħ igħidu: fejn hu San Ġiljan ta' dari, mita konna noħorġu bil-papoċċ u ngħannu u ndoqqu sa nofs il-lejl fid-dawl ta' qamar? Kollox tbiddel!

Il-Knisja tal-Karmnu li hemm fuq it-trieq tal-Balluta nbniet taħt il-perit Emm. Galizia fl-1858. Il-lum, minn wara tinfed ma' Kunvent kbir tal-patrijiet tal-Karmnu li nbena snin wara.

### It-Torri

Fir-ras tad-daħla ta' San Giljan hemm it-Torri, wieħed minn dawk l-14 li s-sultan De Redin bena minn flusu fl-1658, ma' dwar Malta biex jilqa' l-egħdewwa min-naħa tal-baħar. Kien hemm min ried iġarrfu dat-Torri mita sewwew it-trieq li ġġib minn Għar id-Dud. Fi żmien'na, iżjed lisfel mit-torri ta' De Redin, quddiem fomm id-daħla, kien hemm ħajt oħxon, sûr ta' żmien l-Ordni mibni fuq it-trieq u ħajt ieħor ma' xatt il-baħar biex l-egħdewwa ma jinżlux l-art kif ġiè ġiè. Biex tinżel lejn il-baħar kont tgħaddi minn mina taħt it-trieq u l-bieb li jħares lejn il-baħar quddiem Strada S. Francesco kellu fuqu arma tar-rħam. Mita twessgħet it-trieq kollox ġiè mirdum u l-ħajt ta' mal-baħar ġarrfuh, ma baqax ħlief ftit ħaġar minġur biex ifakkarna x'kien hemm fi żmien l-Ordni. Nies bla qalb u bla dehen moħħom biss f'dak li hu l-lum u ma jħossu ebda qima għall-imgħoddi; għad li ġieħna l-imgħoddi huwa tagħna wkoll daqs kemm hu tal-lum.

### It-triqat tas-Sapun u tal-Bandieri

Fl-1872, inbniet il-fortizza ta' Għar id-Dud u minn dik is-sena, tista' tgħid. il-bini fuq Ħabel it-twil beda tiela' bħal ħabaq; kull min kellu qabda flus waqqaf dar.

Min-naħa ta' wara, f'ħabel it-twil, il-għelieqi kienu jibqgħu telgħin sa Strada Ridolfo; hawn il-bini beda tiela' wkoll, u triqat ġodda nfetħu fejn dari ma kienx hemm ħlief iż-żewġ triqat imsejħin min-nies "*tas-Sapun*" u "*tal-Bandieri*".

Trieq tas-Sapun issejħet min-nies għax, għal xi żmien, kien hemm maħżen fejn kien isir is-sapun; it-trieq tal-Bandieri ssemmiet hekk għax fil-festa ta' niċċa ta' Santa Marija l-bdiewa ta' dawk l-inħawi kienu jżejnu t-trieq b'ħafna bandieri, u jagħmlu mixegħla u jġibu d-daqq. Dik kienet il-festa tal-pajjiż u tas-Sliema kienet tmur bi ħġara.

(Minn *Tas-Sliema u San Ġiljan*—1930)

# IL-BIERAĦ U L-LUM

Il-port ta' tas-Sliema li għall-ewwel ma kontx tara fih ħlief tużżana dgħajjes u erba' fregatini, jaqdfu, jibburdjaw jew jistadu, il-lum mimli bħal bajda b'vapuri tal-gwerra żgħar, irmiġġati fuq il-bagi.

Fejn kien qatt ra vapur dal-port! Xi sittin sena ilu kienu jġibu rmunkata fis-sajf, biċċa tal-gwerra ta' l-injam bi tliet ponti u tliet arbli jisimha "Hibernia" li l-poplu kien igħidilha l-"*Arbanja*". Dan kien ġifen ta' żmien il-qlugħ li kienu qabdu l-Ingliżi fil-gwerra u żammewh hawn Malta bħal depost (depôt ship) fejn kienu jżommu baħrin li minn bastiment kellhom igħaddu għal ieħor.

Din l-Arbanja tkissret hawn fl-1912 wara snin kbar li damet Malta fil-port il-kbir ħdejn Sant'Anġlu. Kienet issebbaħ port, għolja, misbugħa faxx abjad u ieħor iswed, kollha twieqi żgħar mnejn kienu jiffaċċaw xi tmenin kanun. X'għandha x'tagħmel mal-vapuri tal-lum? Baxxi, dojoq, donnhom kċejjen tal-ħadid, dejjem idaħħnu u jħammġu d-djar ma' dwar il-port kollu u l-baħar madwarhom biż-żejt tal-magni tagħhom. Ħwejjeġ meħtieġa, nifhem, imma wieħed ma jagħmilx dnub billi jgħid li dak li għadda kien isbaħ minn dak tal-lum!

Il-lum ukoll tas-Sliema mżiegħda bil-karrozzini u bil-motors: dawk l-imbierka karrozzi tan-nar li jfiġġu fuqek bħal għeħered. Sittin sena ilu ma kienx hawn ħlief xi tużżana kaxex li kienu donnhom qiegħ ta' kaless. Kxiexet baxxi, tawwalin, bank kull naħa għal tnejn min-nies. Jinfetħu minn wara bil-bieba. Biex kont titla' fuqhom trid parank, għax ir-roti kienu għoljin. Dak li jsuq kien jirkeb fuq is-salib wara ż-żiemel armat f'żewġ lasti twal. Il-fus tar-roti kien idur fil-wiċċ tal-kaxxa, miskin hu min jagħmel siequ fuqu hija u miexja l-kaxxa. Riħ, xita, xemx kollox fuqek, għad li fl-aħħar waħħlu erba' lasti bħal baldakkin bil-purtieri taċ-ċraret iperpru. Kont tinżel minn fuqhom b'dahrek imkisser u b'dan kollu kont tifraħ mita dak li jsuq kien jiġi bil-frosta f'wiċċek u jgħidlek: "*Kaxxa mgħallem, indawwar għalik*? Mur ġibhom il-lum!

(Minn *Tas-Sliema u San Ġiljan*—1930)

# IX-XIĦ U L-MEWT

Raġel xwejjaħ bil-ħatab imgħobbi
Qajla tiela' mat-triq darba kien,
Taħt it-toqol tal-ħemel imgħawweġ,
Ġismu mkisser, imħeddel, għajjien.

Iżomm, jarġa' jimxi, jixxengel,
Jieħu nifs, jieqaf, jilheġ, bla ruħ,
Sa ma lemaħ gozz ħaġar fit-trejqa
Fuqu ntelaq bla saħħa, mitruħ.

"Mewt, ja mewt, int biss tista' sserraħni."
Qal imdejjaq... Il-mewt minnufih
Feġġet ħdejh kollha ħniena, biex tiġbru
Magħha u sserħu, l-imsejken ta' xiħ.

Malli ra' dal-gozz għadam imselsel
F'idha l-minġel, għajnejha mħaffrin,
Bdielu x-xiħ, beda jlaqlaq bil-biża'
Irkubtejh u dirgħajh imregħdin.

"Jiena naf l'int ħanina," qalilha,
"Dak li tista' għamel miegħi l-aħjar,
Fuq kitfejja dal-ħatab għabbili,
Ħalli narġa' għal triqti w għad-dar."

Laħket Ċensa, jekk Ċensa taf tidħak,
U għenitu, mbagħad qaltlu :... "Ħelwin
Dawn in-nies, waqt il-mewtu jinsew kollox,
Kemm batew u kemm kienu mdejqin !...

Int, mur għix il-jumejn li fadallek
Ridt ħelsien minn kull jasar nagħtik,
Bati, mela, sa mita darb'oħra
Niġi waħdi, bla sejħa, għalik."

(Minn *Leħen il-Malti*, 1931)

# NIES BLA SABAR

Is-sur Anġ kien ilu s-snin iżomm il-kotba fil-maħżen tal-aħwa "Kalamanos", Griegi, li kienu jġibu ġid id-dinja mill-ibliet tal-Lvant. Is-sur Anġ kellu qatgħa fejn jikteb, f'rokna tal-maħżen; sieket il-ħin kollu bil-pinna fuq widintu l-lemanija, iqalleb il-karti, jagħlaq u jiftaħ kotba kbar u jikteb u jgħodd. Kliem xejn ma' ħadd minn jeddu u jwieġeb għal xi mistoqsija fil-bogħod b'kelma jew tnejn. Xogħol tal-meħel u tar-reqqa biex ma jeħux xi għelt u jiksirha mal-*Kyrie.*

Il-*Kyrie* kien laqam ta' sid il-maħżen li kien jismu s-sur Dimitri minn Salonik.

Lis-sur Anġ kien drah kulħadd, raġel taz-zokkor sakemm ma tħabbatx, ma ssaffarx jew ma tgħajjatx maġenbu, għax jirgħex, jitfixkel u jinsa min hu u fejn hu. Waħdu u fis-skiet, kien jibqa' sejjer bla serħ ta' xejn, bħal l-arloġġ tal-mażżri li kellu jtektek quddiemu, mindu jidħol sa ma joħroġ.

Darba kien tilef is-sabar għal kollox u kien s'er jitlaq mill-maħżen għal fettuqa li ħaddieħor kien jeħodha biċ-ċajt kif kien jixraq.

Kienet inqalgħet nitfa ta' tabxa fuq tagħbija ta' skuna li ġiet bil-ħsara minn Gorfù, u s-sur Anġ kellu jiġbor ittri u kontijiet għal quddiem l-imħallef. Xogħol irqiq li ma satax isir il-maħżen qalb il-għagħa tan-nies dieħla u ħierġa.

Il-*Kyrie* li kien jaf mniex ibati s-sur Anġ qallu: "Ħu l-kotba u dak kollu li tinħtieġ u mur bil-motor tagħna fid-dar li għandi Ħal-Lija u oqgħod aħdem hemm bil-kwiet; fil-maħżen noqgħod jien."

Għoġbitu s-sur Anġ li jmur jaħdem bogħod mill-ħsejjes u telaq ferħan lejn Ħal-Lija. Dar sabiħa, imwarrba, f'misraħ ċkejken; nies ftit u ħsejjes ta' xejn.

Għażel kamra b'tieqa kbira għad-dawl u għall-frisk miftuħa fuq kantuniera quddiem ġnien tal-larinġ mal-ħajt l-ieħor.

L-ewwel ġurnata mar ħarir u x-xogħol mexa bħal ma xtaq hu.

Il-għada, mad-disgħa ta' fil-għodu, waqaf taħt it-tieqa raġel bil-karrettun tal-ħmar u f'dak is-skiet kollu fetaħ ħanġra daqsiex igħajjat: "Għadam u ċraret—ram u ħadid min għandu"—"Għadam u ċraret—" waħda wara l-oħra.

Is-sur Anġ xiref malajr mit-tieqa u qallu: "Bil-mod, ħabib. Tridx tmur tgħajjat band'oħra! Jien u la għandi għadam u lanqas ċraret; tista' tibqa' sejjer, għax qiegħed tfixkilni."

—Lilek kont nistenna dal-għodu! — qal tal-karrettun —jien bil-għajjat irrid indabbar xi sold. Ara ma' min Alla laqqagħni dal-għodu!—u beda jrodd is-slaleb u minnufih tefa' żewġ għajtiet oħra: "Għadam u ċraret - Għadam u ċraret—"

Is-sur Anġ ħabat jitlagħlu, imbagħad ra li ma' nies bħal dak ma kienx jieħu palju bil-kliem, ftakar kemm kellu x'jagħmel u ħaseb li jieħdu bil-ħelu.

—Ara xbin,—qallu,—ma għandix żmien x'nitlef neħodha miegħek. Aqbad xelin u ibqa' sejjer.

—Hekk irrid—qal l-ieħor—issa tkellimt ta' sinjur li int. Newwel ix-xelin u ma taranix qabel għada. — Tefa' x-xelin fil-but tas-sidrija, ta daqqa lill-ħmar fuq ingropptu u telaq ħelu, imgħoxxi bid-daħk.

Is-sur Anġ kollu ħieni li ħeles ħafif minn dak iċ-ċakkal raġa' qabad igħodd u jħażżeż. Ma kienx tbiegħed ħamsin qasba wara li dâr il-kantuniera li dak tal-għadam ma ltaqax ma' ħatnu ġej bil-lajma kollha jinbotta karru għoli b'rota mal-ġenb iddur fuq ħabel u jgħajjat: "Imqassijiet u skieken għat-tiswija min għandu"—

—Tgħajjatx, xbin,—qallu għax hawn sinjur tqajjimlu t-tfal. Dak raġel fonqla, xbin, ara rasek minnu,—u waqaf u qallu xi ġralu u kif xoroblu xelin bla taħbit xejn.

—Dan mnejn inqala'? Qatt ma rajtu. Fejn joqgħod?

—Hemm kif tikser il-kantuniera, dik id-dar bil-persjani ħodor, għaddilu mogħdija, jew jaqsamlek rasek jew iħallsek biex jeħles minnek.

Malli resaq lejn il-kantuniera fetaħ kemm gargi kellu: "Imqassijiet u skieken għat-tiswija min għandu". Għajta rqiqa ta' serduk xieref, irqiqa u twila li ttaqqaqleb widnejk.

Is-sur Anġ ma damx ma joħroġ rasu mit-tieqa wiċċu mbergħen, ixejjer idu 'l barra.

—Hawn ġejt tgħajjat, ħabib? Xejn ma għandi x'insinn u l-għajjat iweġġagħli rasi u jfixkilni fix-xogħol, għalhekk tbiegħed minn hawn għall-erwieħ.

—Bil-mod, sur E—Jien ma' ġejtx għalik dal-għodu. Hawn għandi ħafna parruċċani jistennewni darba fix-xahar u jekk

ma ngħajjatx ħadd ma jkun jâf li wsalt.—U raġa' qabad il-għanja: "Imqassijiet u skieken"...

Demmu tala' għal rasu, is-sur Anġ, imma kif teħodha ma' nies bħal dawn? "Mill-ieħor ħlist b'xelin, naraw ma' dan kif immorru?" qal bejnu u bejn ruħu.

—Xbin—qallu—hawn xelin għalik jekk tibqa' sejjer u tgħajjat fejn ma nisimgħekx.

—Ħelwin intom in-nies tal-belt, kull fejn tkunu jsir tagħkom. Sejjer, mhux għax-xelin li semmejt imma nara li int demmek spont u jien ma jeniex tal-ġlied—Newwel ħa mmur.

Sa ma ġieblu x-xelin qabad jirfes il-lasta u jdawwar ir-rota l-kbira, sikkina fuq l-imsenna, bl-ilma jqattar fuqha mill-bott tal-landa, u x-xrar tan-nar jittajru minn taħt ix-xafra bejn idejh.

Malli ħa x-xelin qabad jinbotta l-karru, wiċċu b'nofs daħka u jimxi u jħares lura, għax il-qejda li biha webblu ħatnu għoġbitu. Ma kull min itlaqa' dak in-nhar semma xi ġralu u xandar mar-raħal lil dak is-sinjur tat-tieqa rasu ħelwa, imma galantom għax iħallas.

Is-sur Anġ li kellu għal darbtejn jerħi minn idejh u jarġa' jibda x-xogħol mill-ġdid beda jaħseb li din id-dar barra mill-belt ma kinetx wisq aħjar mill-maħżen għal dak li kien serħan tal-moħħ. Ma damx jaħseb wisq għax għajta ta' barri fit-trieq reġgħet ħarġitu fit-tieqa. :

"Tal-Mellieħa t-tonn—Sorra u tonn—Għajnu ħamra t-tonn—Min jixwi ratal tonn..."

—Trid naqtagħlek ratal sorra?—staqsieh malajr il-bejjiegħ malli rah fit-tieqa.

—Le, ma rridx u la tonn u lanqas sorra, jekk tibqa' sejjer inkun nafhulek.

—Mita nara li ma hemmx bejgħ fit-trieq jekk jidhirli mmur. Bla għajjat ma nbiegħx, sinjur.—Is-sur Anġ ma riedx joħroġ xelini aktar għax dawk minn butu. Daħal mit-tieqa u għalaq il-persjani bil-herra f'wiċċ dak tat-tonn u wara ftit għalaq b'tisbita l-bieb u ħareġ il barra, biex iderri u jeħles minn dak ir-rgħajjeb.

Ġera ġirja mar-raħal u raġa' lura wara xi nofs siegħa bil-biża' li ma jinbitx xi għawġ ieħor.

Tat-tonn kien mar u hu raġa' ntasab quddiem il-mejda jikteb—Ma damx balleċ !! Il-ħarira kienet ġriet. Waqaf taħt it-tieqa sabi daqsiex bil-karrettun tal-ħaxix. Waħħal il-keffa ta' idu l-leminija ħdejn ħalqu u beda għajta wara l-oħra: "Ta'l-Imdina l-bajtar—ara fommu bil-għasel il-bajtar,—min jieħu ratal bajtar."

Is-sur Anġ xiref malajr u sab il-bejjiegħ b'wiċċu daħkani jħares lejh b'żewġ bajtriet f'idu—"Niżinlek wiżna, sur E?" Intebaħ malajr li dak il-misħut kien mibgħut minn xi ħadd, u li kien ġie għax-xelin u mhux biex ibigħ il-bajtar.

—La tbegħli xejn ħabib għax ħiereġ.— Sakkar it-tieqa kollu mriegħex, sabbat il-bieb u telaq lejn il-belt.

Huwa u ħiereġ jilmaħ ġej wieħed bil-brinġiel, kannestru kbir fuq ġenbu tax-xellug, bil-lemin iferfer lil tal-bajtar u jgħajjat b'leħen ta' xaqfa: "Ara x'kull brinġiela għandi—tal-ħajjata l-iswed"... Għaġġel biex jilħaq lis-sur Anġ imma dan baqa' sejjer ixejjer dirgħajh bil-kappell lura u wiċċu xrara nar.

Kif wasal il-belt ma jafx. Il-Kyrie baqa' mistagħġeb jarah quddiemu.

—Kif? Kollox lestejt?

—Bil-kemm għadni bdejt,- u kollu mdagħdagħ qal xi ġralu.

Il-Kyrie xtaq jifgah imma wera li fehmu u għadru imbagħad qallu:

—Sur Anġ naħseb li l-aħjar li tagħmel għandna dik il-kamra battala fuq il-bejt bl-imbarazzi u l-kaxex. Qabbad lil Pawlu naddaflek rokna u jġiblek kull ma jidhirlek. Hemm ma għandekx biża' li xi ħadd ifixklek.

F'kemm ili ngħidlek dak li ried il-Kyrie sar, u s-sur Anġ ferħan ser itir għax hemm fuq u la nies u la ħsejjes. Ftit għabra, ħafna nsiġ tal-għanqbut fis-saqaf, riħa ta' moffa u ta' għeluq li taqsam imma waħdu u fil-kwiet. Bil-kemm kienet tasal it-tisfira tal-laneċ jew ta' xi vapur għaddej fil-port!

Fil-għodu kmieni rikeb fil-motor tal-Kyrie u mar Ħal-Lija jiġbor il-karti u l-kotba li kien ħalla. Oħroġ il-għaġeb tal-għadam u ċ-ċraret kien bil-qiegħda fuq il-għatba jistenna; imma s-sur Anġ ma ħareġx xelini iżjed.

(Minn *Leħen il-Malti*—1932)

# IL-WERREJ

# TAL-ĦDAX-IL-SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Mistħija żejda u mistħija nieqsa | | 3 |
| Lampedusa | G. Gatt | 5 |
| San Pawl f'Malta | Dun Karm | 7 |
| Fejn jaħbtu l-għoljiet ta' Għawdex. | R. M. B. | 8 |
| Talb ta' Wieħed imdaħħal fiż-żmien | | 9 |
| Lis-Silla | Dun Karm | 10 |
| Mikiel Anton Vassalli | A.C. | 11-48-86 |
| L-ewwel miġja tar-Re Ġorġ f'Malta | T. Z. | 18 |
| Lil Ħaż-Żebbuġ | Dun Karm | 20 |
| Nhar ta' Ħadd fuq il-Monti | S. | 22 |
| Lill-Poëżija | R. P. | 26 |
| Il-Bawxata tus-sur Feliċ | T. Z. | 28 |
| Tifkira tal-mewt ta' Tifla ta' Ħdax-il-sena | Dun Pawl | 30 |
| Kotba li Waslulna | | 31-67-98 |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | | 33 |
| In-Naħal | T. Z. | 39 |
| Ballata | J. C. | 42 |
| Tagħrif tal-Grammatka. | P.P. Saydon | 44 |
| Biex tingħoġob | Dun Karm | 45 |
| L-Ilma tal-Faraġ | Dun Karm | 46 |
| Lil Sidna Ġesù Kristu | Nisrani | 54 |
| Id-Drawwiet il-Ħżiena | Alf. Nicholas | 55 |
| Lill-għajjur | R.M.B. | 63 |
| Lill-Madonna ta' Lourdes—Qassis Ġdid | Dun Karm | 64 |
| Għajdut Malti | V.M.B. | 65 |
| Il-Ħrafa kif il-Mewt hi għamja u truxa | V.M.B. | 66 |
| Kelma Għaqlija fuq il-lsien Malti | | 73 |
| Is-Sunett | Dun Karm | 76 |
| In-Nutari | G. Gatt | 78 |
| Taqbida ta' Erwieħ fl-Ajru | P. P. Saydon | 85 |
| Mewt u xita..... | Ivo Muscat Azzopardi | 92 |
| Bewsa | Dun Karm | 94 |

faċċata

| | | |
|---|---|---|
| Ġejja x-Xita . . . . . . | R. Mifsud Bonnici | 96 |
| Kotba u Rivisti Stampati bl-Ortografija u l-Alfabett tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti | | 102 |
| Sir Temi Zammit Kt.C.M.G.M.D.D.Litt. (Oxon) | F.S. Caruana | 105 |
| Tifkira ta' Sir Temi Zammit . . . | Dun Karm | 113 |
| Zammit Bniedem tax-Xjenza . . . | G. Galea | 116 |

*Kitba ta' Sir Temi Zammit:—*

| | |
|---|---|
| Mnejn tiġi x-Xita | 119 |
| Il-Mewġ | 121 |
| Il-Ħmira | 123 |
| L-Assedju l-Kbir | 125 |
| Id-Dnub ma jorqodx | 130 |
| San Ġiljan | 132 |
| Il-Bieraħ u l-Lum | 135 |
| Ix-Xiħ u l-Mewt | 136 |
| Nies bla sabar | 137 |

# "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" magħmula f'Xirka waħda ma' "l-Akkademja tal-Lsien Malti"

## *STATUT*

1. Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, imdaħħla u mgħaqqda f'xirka waħda ma' l-Akkademja tal-Lsien Malti, tibqa' tingħaraf bl-isem ta' *Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*

2. Il-ħsieb u l-fehma tal-Għaqda jibqgħu:

   a) li taħdem u żżomm l-ortografija magħżula minnha fil-kitba maltija;

   b) li taqbeż għall-jedd li għandu l-ilsien Malti, u turi ġmielu u ħtiġietu;

   ċ) li xxerred kemm tista' kotba miktubin skond il-fehma tagħha, kemm-il-darba dawna ma jkunux ta' ħsara lir-Reliġjon tagħna.

3. Il-Għaqda tkun magħmula minn:

   a) Imseħbin Akkademiċi

   b) Imseħbin Extra-Akkademiċi

   ċ) Imseħbin Onorarji jew Korrispondenti.

4. a) Biex tkun Akkademiku tal-Għaqda trid tkun magħruf bħala kittieb tal-Malti u tkun imgħoddi bħala hekk mill-Kunsill.

   b) L-imseħbin kollha tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li ma jidħlux taħt (a) ta' dan l-artikolu jibqgħu magħrufa bl-isem ta' Extra-Akkademiċi.

   ċ) Ikunu Onorarji jew Korrispondenti nies Maltin jew barranin qegħdin Malta jew Barra minn Malta li jkunu jistgħu, b'xi mod jew ieħor, igħinu lill-Għaqda.

5. Il-ħlas għal kulħadd ikun il-ħlas tas-Rivista

6. Il-Kunsill jew Kumitat ikun magħmul minn President, Viċi President, Segretarju u Kaxxier, u għaxar Membri oħra.

7. Il-Kunsill jew Kumitat imexxi l-Għaqda hu, u jiġi maħtur kull sentejn mill-Imseħbin f'laqgħa msejħa għalhekk.

Kull kwistjoni ta' teknika tiġi maqtugħa minn Kummissjoni li l-Kunsill jaħtar għalhekk minn fost l-Imseħbin Akkademiċi.

8. Sitta minn fost l-Imseħbin jistgħu jitolbu laqgħa ta' l-Imseħbin billi jiktbu lis-Segretarju fejn juruh il-għala jkunu jriduha.

9. Il-*quorum* tal-laqgħat ta' l-Imseħbin ikun ta' 12.

10. Il-*quorum* tal-laqgħat tal-Kunsill ikun ta' 7.

11. Il-laqgħat tal-Kunsill isiru kull meta jidhirlu l-President.

Tliet membri tal-Kunsill jistgħu jsejħu laqgħa tal-Kunsill.

12. Jista' jitbiddel jew jiżdied artikolu f'dan l-Istatut bil-voti ta' tnejn minn kull tlieta ta' min ikun ħa sehem f'dik il-laqgħa.

13. Il-Għaqda toħrog Rivista mmexxija minn Direttur, Assistent Direttur u Amministratur li jiġu maħturin kull sentejn mill-Kunsill.

L-Imseħbin kollha tal-Għaqda għandhom ikunu mseħbin fir-Rivista.

*Mgħoddi mil-laqgħa ta' l-Imseħbin*
*tal-15 ta' Jannar 1928.*